MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2008

Numru 121/2006

Il-Pulizija
(Spettur Johann Fenech u
Spettur Joseph Cordina)

vs

Maria Anna Grech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru 442646(M) akkuzata talli:

- nhar il-31 ta’ Jannar 2006 u fiz-zminijiet ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda;

- b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b’ohra sabiex ggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ aktar minn Lm12,000 bi hsara tal-Gvern ta’ Malta;

- fl-istess cirkustanzi, bi hsara tal-Gvern ta’ Malta, ghamlet xi qliegh b’qerq;

- fl-istess cirkustanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentament ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet l-imputata tammetti l-akkuza fl-liema ammisjoni insistiet anka wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra.

Stante din l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata u fuq l-iskorta tal-verbal tal-lum stess qeghda tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi issib l-imputata hatja tal-akkuzi kollha dedotti taghha u wara li rat l-Artikolu 18, 188, 308, 309, 310 u 17 tal-Kap 9 tiddeciedi li tillibera bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------